**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 35 – IT-TLIETA, 11 TA’ ĠUNJU 2013 FIS-6.30PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| | Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousù | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | | |
| | Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 34**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Ġiet diskussa l-laqgħa li għandha ssir mal-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Għandu jiġi diskuss l-proġett tal-junction tal-Kappara, iż-zebra crossing li għamlet TM u għadha ma ġietx mixgħulha, ir-resurfacing tat-Toroq Birkirkara u Ġojjin, it-talba għall-parkeġġ fuq il-bankina wiesa fi Triq tas-Sliema u t-talba biex Triq il-Gardell tiġi One Way.

2.2 Ġiet diskussa t-talba biex fi Triq l-Alwett jitneħħa l-parkeġġ faċċata ta' garage. Il-Kumitat qed iħossu xettiku għal din it-talba minħabba li jista’ joħloq preċedent. Ir-resident għandu jiġi nfurmat b'din il-pożizzjoni u għandu jagħmel it-talba dirett lil TM jekk ioħossu li għandu raġun.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Ġiet diskussa l-plakka li ser issir ad unur Oreste Chircop. Saret laqgħa mal-familja tas-Sur Chircop. Ġie deċiż li titwaħħal il-plakka mad-dar li kien jgħix fiha u ssir bibita tal-okkażjoni. Din għandha ssir fil-25 ta' Lulju 2013.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju 2013 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**